**15 ta' Jannar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt. LL.D.**

James Micallef

*versus*

Loreto Borg et.

**Danni — Solidarjetà — Aggressjoni — Offiżi Personali — "Damnum Emergens" — "Lucrum Cessans" — Spejjeż ta' Każwa Kriminali — Parti Ċivili.**

*Jekk aktar minn persuna waħda huma ko-awturi ta' fatt illeċitu u jikkonkorru materjalment għalieh, u mhux possibbli*

*li tiġi determinata l-estensjoni tad-dannu kaġunat minn kull wieħed m'nnhom, huma responsabbli di fronti għall-attur danneġġjat solidalment; salv bejniethom li jirregolaw f'ġudizzju separat, jekk hekk jidhrilhom, ir-responsabbiltà singola ta' kull wieħed minnhom.*

*Id-danni jistgħu jkunu tali li jidħlu f'l-klassifika ta' "damnum emergens", k'j ukoll f'dik tal-"lucrum cessans".*

*Jekk id-danneġġjat iqabbad avukat biex jagħmillu rapport lill-Pulizija kontra d-danneġġjant u biex iħares, bħala parti ċivili, l-interess tiegħu fil-proċeduri kriminali li jsiru kontra d-danneġġjant, hu kw'stjonabbli jekk id-dritt li hu jħallas lil dak l-avukat huwiex ripetibbli minn għand id-danneġġjant bħala danni; l-għaliex ladarba sar ir-rapport lill-Pulizija, u din ħadet il-passi meħtieġa, il-prosekuzzjoni tal-kawża kienet f'idejha, u hija supposta li tmexxi l-kawża. Fl-iskedi annessi mal-Kod'ċi Kriminali ma jirriżultax, fir-relazzjonijiet bejn ir-rapportanti u r-rapportat, meta jkun hemm kawża li tistitwixxi ruħha "ex officio" mill-Pulizija Eżekuttiva, il-każ ta' dritt ta' assistenza legali tal-parti rapportanti bħala parti ċivil'; u jekk dan fil-prattika qiegħed isir, fil-fatt isir u għandu jgħodd fir-relazzjonijiet tar-rapportant u d-difensur li huwa jqabbad, imma mhux biex ir-rapportant ikun jista' jirreklama l-ispiża mill-parti rapportata. Jekk mbgħad, id-danneġġjat ikun qabbad żewġ avukati minflok wieħed, huwa jkollu d-dritt għar-rimborż, meta jkun il-każ, tad-dr'tt ta' avukat wieħed biss. Imma jibqa' dejjem illi l-preżenza ta' avukat jew legali ieħor imqabbad mid-danneġġjat "to watch the case" tikkostitwixxi spiża li ma għandha qatt tiġi riversata fuq id-danneġġjant. Dan, però, għandu jirr'fondi lid-danneġġjat l-ispejjeż li hu jinkorri biex l-avukat minnu mqabbad jagħtieh parir u jirrediġilu r-rapport għall-Pulizja.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li ppremetta illi fil-5 ta' Jannar 1955, f'xi l-4.15 p.m., waqt aċċess tal-Board tal-Kera li kien qiegħed isir mill-inġinieri tal-Board fid-dar Trieq Vassalli, Ħaż-Żebbuġ, il-konvenuti ripetutament sawwtu lis-sid tal-imsemmija dar, u ċjoè l-attur, u għamlulu feriti ta' natura ħafifa, u hekk ikkaġunaw lill-attur danni; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessar-

*ji u mogħtija l-provvedimenti opportuni,* **talab li l-konvenuti** (1) jiġu dikjarati minn din il-Qorti responsabbli taddanni kaġunati lill-attur, u minnu sofferti in konnessjoni mal-inċident; (2) dawk id-danni hekk kaġunati lill-attur jiġu likwidati minn din il-Qorti, jekk hu l-każ per opera ta' periti nominandi; (3) u l-istess konvenuti jiġu kundannati "in solidum" li jħallsu lill-attur dik is-somma hekk *likwidata* minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Mill-provi li saru fil-kors tal-kawża jirriżulta li fil-5 ta' Jannar 1955, f'xi l-4 p.m., meta l-attur kien ħiereġ middar ta' proprjetà tiegħu mikrija lill-konvenuti, li tinsab Ħaż-Żebbuġ, numru 50 Trieq Vassalli, fejn kien għadu kemm sar "in loco" mill-periti tal-Board tal-Kera, ġie aggredit u offiż fuq il-persuna; liema aggressjoni, skond l-att promotorju tal-ġudizzju, huwa *jattribwixxi* lill-istess konvenuti; b'mod li huwa sofra danni li l-lum, bl-azzjoni odjerna, qiegħed jirreklama minn għandhom; imma l-konvenuti, in *linea prinċipali*, qegħdin jirripudjaw totalment ir-responsabbiltà *tagħhom dwarhom,* sintomatikament minħabba provokazzjoni tal-istess instanti; u subordinatament, u mingħajr preġudizzju tal-ewwel eċċezzjoni, qegħdin jaffermaw li l-istess danni ma jistgħux, se mai, jammontaw għal aktar minn £10, b'mod li l-attur għandu jbati l-ispiża żejda li huwa allegat li kkaġuna billi ġieb il-quddiem it-talba tiegħu quddiem il-Qorti Superjuri, mentri l-istess setgħet saret quddiem il-Qorti Ċivili Inferjuri, bi spiża ferm anqas;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi nvestita u deċiża minn din il-Qorti hija dik tar-responsabbiltà tal-konvenuti, flimkien jew ta' xi wieħed minnhom; l-għaliex mentri l-konvenut Loreto Borg jammetti li ta lill-attur daqqa ta' ponn fl-inċident imsemmi, il-konvenut Salvatore Borg jiċħad li huwa ħa parti materjali u fiżika f'dak l-istess każ;

Illi mill-eżami tal-provi, bir-reqqa magħmul minn din

il-Qorti, l-istess hija soddisfatta li ż-żewġ konvenuti ħadu parti fl-assalt fuq il-persuna tal-attur u dwar l-offiżi personali li huwa in konsegwenza sofra; għar-raġunijiet li sejrin jingħadu:—

Dwar Loreto Borg ma hemm l-ebda kwistjoni . . . . . Però, meta bniedem jikkunsidra li l-konvenuti mill-ewwel tal-aċċess urew ostilità kontra l-attur talli kien ġiebilhom il-Board tal-Kera, li kienu, waqt il-kors tal-ispezzjoni talfond, inklinati għalbiex, u fil-fatt urew li riedu jkunu provokattivi bil-kliem u fomm, u skond l-istess periti Colombo u Rizzo l-attur, għalkemm skambja xi kelma mal-konvenuti, wera atteġġjament *korrett, u ħadd mill-periti ma* semgħu juża l-kliem allegat provokattiv li attribwielu speċjalment Loreto Borg fl-isfond tad-dikjarazzjoni ġuramentata tal-attur, li ż-żewġ konvenuti attakkawh f'miżura differenti indeterminabbli, ma jistgħax ħlief jingħad li l-istess konvenuti huma responsabbli tal-fatt. Del resto, huma ppruvaw ukoll jirrinvangaw il-passat, sabiex jiġi attenwat il-fatt; imma biex ikun hemm provokazzjoni jeħtieġ li l-istess tkun immedjata u istantanea, u mhux, anki jekk tali li tista' tissejjaħ vera u proprja provokazzjoni, li tkun *tirrimonta għal ġranet jew xhur qabel il-fatt li jkun* qiegħed jiġi peżat u eżaminat;

Illi, kwindi, din il-Qorti hija tal-fehma li ż-żewġ konvenuti ħadu parti fl-inċident li minnu tnisslu d-danni lillinstanti;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit dan il-fatt, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tara *jekk il-konvenuti humiex responsabbli solidalment* jew separatament;

Illi ma hemmx kwistjoni li l-konvenuti kienu l-koawturi materjali ta' fatt uniku illeċitu, u kkonkorrew materjalment għalieh. Mhux possibbli tgħid u tiddetermina l-estensjoni tad-dannu kaġunat minn kull wieħed minnhom, u kwindi, skond l-art. 1093 tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenuti di fronti għall-attur huma responsabbli solidalment, salv bejniethom — dak li huma ma talbux f'din il-kawża, fejn

ma hemmx elementi biex ir-responsabbiltà singola tiġi miżurata — li jirregolaw ruħhom f'ġudizzju separat, jekk hekk *jidhrilhom*;

Ikkunsidrat;

Illi, hekk stabbilita r-responsabbiltà solidali tal-konvenuti fir-relazzjonijiet mal-attur, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tillikwida d-danni li dderivaw u tnisslu mill-fatt illeċitu attribwit lill-konvenuti;

Illi dawn id-danni huma ta' natura diversa, dawk li *jissejħu danni emerġenti u dawk konoxxuti bħala lukru* ċessanti;

Illi d-danni emerġenti kawżati mill-fatt antiġuridiku tal-konvenuti jikkomprendu l-partiti segwenti.—

*Omissis:*

2. L-attur qabbad żewġ avukati biex jagħmlu r-rapport lill-Pulizija kontra l-konvenuti, u biex iħarsu bħala parti ċivili *l-interessi* tiegħu tant *quddiem il-Qorti Kriminali* tal-Pulizija Ġudizzjarja kemm quddiem l-Appell, u ħallas £4 għal hekk. Fil-ħsieb tal-Qorti, din il-partita hija kwistjonabbli fil-konfronti tal-konvenuti; l-għaliex, ladarba sar ir-rapport lill-Pulizija, u din ħadet il-passi meħtieġa, il-prosekuzzjoni tal-kawża kienet kegħedha f'idejha, u hija suppost li tmexxi l-kawża. Fl-iskedi annessi mal-Kodiċi Kriminali ma jirriżultax, fir-relazzjonijiet tar-rapportanti u r-rapportat, meta jkun hemm kawża li tistitwixxi ruħha "ex officio" mill-Pulizija Eżekuttiva il-każ ta' dritt għallassistenza legali tal-parti rapportanti *bħala parti ċivili*; u jekk dan fil-prattika qiegħed isir, fil-fatt isir u għandu jgħodd fir-relazzjonijiet tar-rapportant u d-difensur li huwa jqabbad, imma mhux biex ir-rapportant ikun jista' jirreklama l-ispiża mill-parti rapportata;

Osservazzjoni oħra importanti hija dik li quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ċertament il-preżenza ta' avukat jew legali ieħor "to watch the case" hija ħaġa li tirrigwarda biss lil min ikun qabbad l-avukat jew legali ieħor u lill-

istess legali li jkun ġie mqabbad, u l-ispiża ma għandhiex tiġi bl-ebda mod riversata fuq l-imputat. Jingħad ukoll li anki fil-Qorti Ċivili, min iqabbad żewġ legali għad-difiża jew patroċinju tiegħu għandu biss id-dritt għar-rimborż ta' dritt wieħed mill-parti avversarja (ara G.N. 33/1953, Tariffa G, No. 26A.), jekk tkun sokkombenti, għalkemm hija (il-parti), li tkun ingaġġjat, żewġ difensuri, tkun obligata tħallas żewġ drittijiet (idem);

Minn dan jitnissel li fil-ħsieb ta' din il-Qorti l-konvenuti għandhom iħallsu biss lill-attur tar-redazzjoni tar-rapport (Tariffa C Kap. 15) u parir legali (Tariffa G No. 10 Kap. 23), l-ammont ta' £1.4.0, fissat mill-Qorti, jekk hemm bżonn, in bażi għat-tariffa fuq imsemmija;

*Omissis;*

Total tad-danni emerġenti £10.15.0;

Illi, stabbiliti d-danni emerġenti, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tistabbilixxi l-lukru ċessanti;

Illi taħt din il-klassifika l-attur jippretenda li huwa tilef xi kummissjonijiet konnessi man-negozju tax-xama' li huwa regolarment imexxi, u xi telf ta' qliegħ minn operazzjonijiet ta' bejgħ ta' bini, li bħala "side line' huwa jintriga minnu. Verament, l-attur fuq l-inċident ma baqgħax irtirat għal żmien twil ħafna, għalkemm jilmenta, u dan jista' jkun minnu, li dam iħossu mhux kompletament f'saħħtu fuq ix-xahrejn wara l-inċident. Mhux biżżejjed li l-attur jgħid li tilef kummissjonijiet in ġenere, imma, biex jottjeni riżultat feliċi għat-talba tiegħu, irid jipprova liema operazzjonijiet ikun fil-fatt tilef, u li ma kienx kapaċi jottjeni mħabba d-dannu fiżiku lilu kawżat mill-inċident. F'dan ir-rispett, l-attur xehed, fid-9 ta' Marzu 1956, li huwa ma setgħax, jingħad għal issa, jattendi għall-operazzjonijiet kummerċjali ta' bejgħ u xiri ta' bini li kien soltu jintrapprendi bħala "side line" tiegħu, imma ma speċifika l-ebda waħda minnhom fiż-żmien qasir li huwa dam ġewwa rtirat (għal ftit ġranet) minħabba l-inċident, apparti l-fatt

li operazzjonijiet ta' dik in-natura ma jsirux kulljum. Minn dan, u mill-fatt li Dr. Zammit, it-tabib tiegħu, xehed li wara l-inċident l-istess instanti seta' mill-ewwel jaħdem b'idejh u b'moħħu, l-għaliex miegħu huwa ma lmentax b'uġigħat f'rasu — ħaġa li huwa ċertament kien jagħmel kieku kien qiegħed iħoss xi ħaġa minn dawn l-affarijiet — din il-Qorti taqbel mal-perit ġudizzjarju li fuq dan il-kap l-attur ma ħaqqu ebda kumpens għad-danni;

Rigward mbgħad ix-xogħol tal-fabbrikazzjoni tax-xama', li hija l-okkupazzjoni prinċipali tal-attur, jingħad li l-fatt li l-attur irtira għal xi erbgħa jew tliet ijiem mix-xogħol minħabba l-inċident ma jidherx, mix-xhieda prodotti u mpjegati fil-fabbrika tal-attur, li tant ix-xogħol li soltu kien jagħmel personalment, kemm dak li normalment kien jiġi magħmul mill-lavranti, ġie b'xi mod jew ieħor affettat. In kwantu għall-perdita tal-kummissjonijiet, l-unika operazzjoni li l-attur semma fl-ewwel depożizzjoni tiegħu li tilef hija dik ta' Patri Salv tal-Marsa, li minnha naqaslu profitt nett ta' xi minn £5 sa £10, fuq il-kalkolu tal-ordinazzjonijiet preċedenti magħmula lill-istess attur minn dik il-persuna. Kwindi din il-Qorti taqbel mad-diskrezzjoni użata mill-perit legali, li dwar dan it-telf ikkalkola l-profitt medju, u għalhekk għal dan it-telf l-attur ħaqqu £7.10.0. Operazzjonijiet oħra li fil-fatt intilfu ma ġewx mill-instanti aċċennati, u wisq anqas pruvati; u, kif intqal, iż-żmien qasir li l-inċident ikkonfina lill-attur id-dar ma jiġġustifikax ħlief l-ammissjoni għall-kumpens ta' danni għal dawk l-operazzjonijiet li huwa effettivament tilef;

Illi kwindi d-danni kollha, tant emerġenti kemm dawk klassifikati bħala lukru ċessanti, jammontaw għal £18.5.0;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, prevju l-akkoljiment tal-perizja fejn taqbel ma' din id-deċiżjoni, u r-ripudja tagħha fejn ma taqbelx, billi (1) tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għad-danni sofferti mill-attur in segwitu għall-inċident lamentat fl-att taċ-ċitazzjoni; (2) tillikwida d-danni kollha tan-natura u klassifika li fuq intqalu għall-ammont ta'

£18.5.0; (3) u fl-aħħarnett tikkundanna lill-konvenuti jħallsu "in solidum" l-ammont fuq likwidat. Bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom; salva r-riżerva fir-relazzjoni nterna tal-konvenuti, fuq apposta fil-korp ta' din is-sentenza.